DIPARTIMENT TAL-INFORMAZZJONI
*DEPARTMENT OF INFORMATION*
MALTA

# Press Release

**PR192022** **26.09.2019**

**STQARRIJA MILL-UFFIĊĊJU TAL-ISPEAKER**

***Wirja ta' Studji u Programmi ta' Riċerka Xjentifika 'Science in the House 2019' fil-Parlament ta' Malta***

Id-Deputat Speaker Claudette Buttigieg inawgurat wirja ta' programmi ta' riċerka xjentifika u studji ntitolata 'Science in the House 2019' fil-Parlament ta' Malta. Din il-wirja hi mtellgħa mill-European Researchers' Night / Science in the City Consortium u hi waħda minn tant attivitajiet tal-iniżjattiva Ewropea 'Science in the City' fil-Belt Valletta, intiża biex jiżdied l-interess fost il-poplu Malti fi programmi ta' studju u riċerka xjentifika.

Fid-diskors tagħha, id-Deputat Speaker saħqet dwar l-importanza tal-istudju tax-xjenza bħala għerf u tagħrif bil-għan li titjieb il-ħajja umana. Hi għamlet referenza għal-laqgħa tal-mexxejja tad-dinja fil-Ġnus Magħquda fi New York dwar il-miri għall-iżvilupp sostenibbli. Dawn għandhom jitqiesu bħala kejl effettiv bil-għan li jkun żgurat għaxjien dinjituż lill-bnedmin. Għaldaqstant, studji u programmi ta' riċerka xjentifika għandhom jagħmlu parti minn pjan ta' azzjoni sabiex jinstabu rimedji għan-nuqqas ta' żvilupp uman, fost ħafna, il-faqar fid-dinja, l-illitteriżmu, li jkun magħruf id-dritt li kull persuna marida jkollha aċċess għall-kura medika li jkollha bżonn, il-ġlieda kontra kull forma ta' diskriminazzjoni fost il-bnedmin, li nilqgħu għall-effetti ħżiena fit-tibdil tal-klima, u li jkunu mħarsa l-istituzzjonijiet tal-istat bl-għan li jissaħħu l-prinċipji u l-valuri tad-demokrazija parlamentari, il-ġustizzja u l-ordni soċjali. Għalhekk, kull studju u programm ta' riċerka xjentifika għandu jqiegħed it-titjib tal-għajxien tal-bniedem bħala l-għan aħħari tiegħu.

Il-Wirja 'Science in the House 2019' fil-Parlament ta' Malta ser tkun miftuħa għall-pubbliku mill-Ħamis, 26 ta' Settembru sas-Sibt, 5 ta' Ottubru 2019 (Notte Bianca). Matul il-ġranet tal-ġimgħa, il-ħinijiet tal-ftuħ ikunu bejn id-09.00 ta' filgħodu u l-05.00 ta' wara nofsinhar, u sibtijiet u ħdud bejn id-09.00 ta' filgħodu u n-nofsiegħa (12.30h).

Il-Ġimgħa, 27 ta' Settembru 2019 waqt 'Science in the City 2019', u s-Sibt, 5 ta' Ottubru 2019 waqt Notte Bianca 2019, il-pubbliku jkun jista' iżur il-wirja 'Science in the House 2019' bejn is-06.00 ta' filgħaxija u nofsillejl.

**Attachments: photos** 

3, CASTILLE PLACE, VALLETTA VLT 2000 Tel +(356) 2200 1700

**press.releases@gov.mt www.doi.gov.mt**